**A.L. 2 ta' l-2008**

## ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

### Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħrug fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

Titolu.

A.L. 329 ta' l-2002.

**2.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok is-subregolament (2), għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Impjanti li joperaw permezz ta' makni tat-tip *diesel*, petrol u gass irrispettivament mill-karburanti użat, m'humiex koperti minn dawn ir-regolamenti."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:–

"(3) Meta żewġ impjanti ġodda separati, jew aktar, huma installati b'tali mod li, filwaqt li jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi tekniċi u ekonomiċi, il-gassijiet mormija minnhom jistgħu, skond ma jkun jidher lill-awtoritajiet kompetenti, jinħarġu minn ċumnija komuni, il-kombinazzjoni ffurmata minn dawk l-impjanti għandha tkun meqjusa bħala apparat uniku."

**L.N. 2 of 2008**

## ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 435)

### Limitations of Emissions of Certain Pollutants into the Air from Large Combustion Plants (Amendment) Regulations, 2008

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, the Minister for Rural Affairs and the Environment has made the following regulations:–

Citation.

**1**. The title of these regulations is the Limitations of Emissions of Certain Pollutants into the Air from Large Combustion Plants (Amendment) Regulations, 2008 and they shall be read and construed as one with the Limitations of Emissions of Certain Pollutants into the Air from Large Combustion Plants Regulations, 2002 hereinafter referred to as "the principal regulations."

L.N. 329 of 2002.

Amends regulation 3 of the principal regulations.

**2**. Regulation 3 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) for subregulation (2) thereof, there shall be substituted the following:

"(2) Plants powered by diesel, petrol and gas engines irrespective of the fuel used, shall not be covered by these regulations."; and

(b) immediately after subregulation (2) thereof, there shall be added the following new subregulation:

"(3) Where two or more separate new plants are installed in such a way that, taking technical and economic factors into account, their waste gases could, in the judgement of the competent authorities, be discharged through a common stack, the combination formed by such plants shall be regarded as a single unit.".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz/*Price*
€0.09 (Lm0.04)